

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u M. Minkner, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Settembru 2018 (Każ R 2113/2017-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Aldi Einkauf u ZPC Flis.

### Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Ufficijju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-13 ta' Settembru 2018 (Każ R 2113/2017-1) hija annullata inkwantu din tirrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għall-prodotti sussegwenti: "kafè artifiċjali; tè, kawkaw; prodotti dderivati mill-kawkaw; xorġ ibbażat fuq il-kawkaw; il-prodotti kollha ċċitat iktar 'il-fuq ukoll fforma instantanja" bl-eċċezzjoni tal-kawkaw fir-rigward ta' dawn tal-aħħar.*
- 2) *L-oppożizzjoni hija milqugħha fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi kollha koperti mill-applikazzjoni għal regestrazzjoni, bl-eċċezzjoni tas-servizzi fil-klassi 35 u li jikkorrispondu għad-deskriżżjoni sussegwenti: "Bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa ta' forom tal-gallettini żgħar, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' forom tal-gallettini żgħar permezz tal-internet".*
- 3) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 4) *Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 44, 4.2.2019.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-17 ta' Ottubru 2019 – United States Seafoods vs EUIPO (UNITED STATES SEAFOODS)

(Kawża T-10/19) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva UNITED STATES SEAFOODS – Raġuni assoluta għal rifful – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001")*

(2019/C 432/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: United States Seafoods LLC (Seattle, Washington, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Spintig, S. Pietzcker u M. Prasse, avukati)

Konvenut: L-Ufficijju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u H. O'Neill, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħemes Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Ottubru 2018 (Każ R 817/2018-5) dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva UNITED STATES SEAFOODS.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) United States Seafoods LLC għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż tal-EUIPO.

---

(<sup>l</sup>) ĠU C 93, 11.3.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2019 – MSI Svetovanje vs EUIPO – Industrial Farmaceutica Cantabria (nume)**

(Kawża T-41/19) (<sup>l</sup>)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea nume – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea numederm – Raġuni relattiva għal rifijut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")

(2019/C 432/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: MSI Svetovanje, marketing, d.o.o. (Vrhnika, is-Slovenja) (rappreżentanti: M. Maček, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Kompari u H. O'Neill, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Industrial Farmaceutica Cantabria, SA (Madrid, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżzentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Novembru 2018 (Każ R 722/2018-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Industrial Farmaceutica Cantabria u Nutrismart d.o.o.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) MSI Svetovanje, marketing, d.o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>l</sup>) ĠU C 112, 25.3.2019.

---